Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef A. Ellul

Appell numru: 12/2014AE

**Charmaine Agius**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016.

Id-Direttur tas-Sigurta Socjali appella minn decizjoni tal-Arbitru tas-27 ta' Mejju 2014 li biha giet imhassra decizjoni tad-Direttur tat-8 ta' Ottubru 2013 li Charmaine Agius kellha thallas lura s-somma ta' erbat elef hames mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u disghin centezmu (€4,565.97) hlas zejjed li rceviet minghand id-Dipartiment.

L-aggravju tad-Direttur hu li sar apprezzament zbaljat tal-provi u applikazzjoni hazina tal-ligi. L-appellant argumenta li kien irrizulta li l-appellata kellha kapital adegwat li ma kienx jintitolaha ghall-ghajnuna socjali.

Il-qorti taghmel ampja riferenza ghas-sentenza li tat illum fl-appell **Charmaine Agius vs Direttur tas-Sigurta Socjali** (Appell numru: 13/2014) gialadarba l-kawzi huma konnessi u l-aggravji huma identici. F'dik is-sentenza l-qorti qalet:

*"Mill-provi rrizulta li fl-4 ta' Frar 2013 l-appellata iffirmat kuntratt ta' separazzjoni ma' zewgha Jason Dimech. Fuq l-att jinghad:*

*"..... ir-ragel qieghed ighaddi s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf ewro (€28,000) bhala ekwiparazzjoni ghas-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti, mil-liema somma, elf tmien mija u tmienja u erbghin [€1,848] ser jithallas il-kont tal-arretrati lill-ARMS Limited u tlett elef mija tnejn u hamsin Ewro [€3,152] spejjez ohra tal-komunjoni".*

*Quddiem l-Arbitru, l-appellant wiegeb li mill-kuntratt ta' separazzjoni kien irrizulta li Charmaine Agius kellha rizorsi kapitali fis-somma ta' €23,000 u ghalhekk dawn ir-rizorsi kienu jeccedu l-limitu ta' €14,000. Ghalhekk l-appellata kellha €9,000 bhala rizorsi kapitali iktar milli tippermetti l-ligi.*

*Fir-rikors tal-appell, l-appellant qal li rilevanti huma:-*

*"-Il-proviso tal-paragrafu tal ewwel artikolu tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda: Izda meta l-flus fil-bank u fl-idejn (inklusi assi likwidi, depoziti ghal xi zmien, bonds, stocks, azzjonijiet u titoli ohra), flus imqieghda f'xi trust u l-valur kapitali ta' kull*

*proprjeta immobbli urbana inkluz it-tqeghid kollu ta' dik il-proprjeta fi trust (bl-eskluzjoni tad-dar fejn wiehed joqghod) li ma tkun qieghda tintuza bi qligh, ikunu flimkien jaqbzu:*

*(i) €14,000 fil-kaz ta' familja li tikkonsisti f'membru wiehed biss jew f'ghadd ta' membri li l-kap taghhom ikun persuna mhux mizzewga jew genitur singlu… il-persuna li tkun qed titlob l-Ghajnuna ghal Mard ma ghandhiex titqies li tkun intitolata ghal dik l-ghajnuna;*

*-Il proviso tal-paragrafu b tal-ewwel artikolu tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda: Izda kull proprjeta jew dhul li ghandhom ikunu kalkolati ghall-finijiet ta' din it-Taqsima skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu ghandhom jinkludu kull proprjeta jew dhul li xi membru tal-familja kif hawn qabel imsemmi f'din it-Taqsima kien direttament jew indirettament cahhad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd ghal Ghajnuna ghal Mard jew sabiex ikollu jedd ghal rata aktar vantagguza.*

*- Illi m'hemmx dubju li t-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tapplika wkoll ghas-Sitt Taqsima tat-Tieni Skeda ta' l-Att Dwar is-Sigurta Socjali. Fil-fatt l-ewwel paragrafu tas-Sitt Taqsima tat-Tieni Skeda intitolata Ghajnuna Socjali jistipula illi: Meta jsir il-kalkolu tal-mezzi ghall-finijiet ta' l-artikolu 30, ghandhom jitqiesu kull proprjeta, dhul jew privilegg skond kif ikun fil-paragrafu 1 tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda".*

*L-appellata pprezentat affidavit fejn qalet li meta sseparat lil zewgha kienet irceviet is-somma ta' €23,000 li mbaghad tat lill-ommha, "... peress li din kienet tatni self brevi manu ekwivalenti ghall-istess somma sabiex nkun nista' nwettaq xogholijiet/ameljoramenti gewwa l-fond/appartament gja dar matrimonjali u cioe' flat numru erbgha (4) formanti parti minn blokk t'appartamenti ufficjalment enumerati bin-numru disgha u tletin (39) fi Triq Moroni gewwa l-Gzira u kif ukoll sabiex inhallas il-pagamenti tal-Home Loan li kienu dovuti lill-Bank of Valletta".*

*Jirrizulta li ma sarx kontro-ezami lill-appellata, Jason Dimech*[1] *u Filomena Farrugia (omm l-appellata) li wkoll xehedu b'affidavit. Il-qorti kienet tistenna li d-Direttur jizgura li dan isir*[2]*. Lanqas ma jirrizulta li saret xi oggezzjoni ghall-prezentata tal-affidavits. M'ghandux ikun li parti tibqa' passiva u wara tipprova tnissel id-dubju bazat fuq supposizzjonijet u kongetturi.*

*L-appellant ma ressaq l-ebda raguni li tista' twassal lil din il-qorti biex tiskarta l-apprezzament tal-fatti li ghamel l-Arbitru. Fir-rikors tal-appell ghamel riferenza ghal dak li nghad fl-ittra legali tal-15 ta' Ottubru 2013 (paragrafu 5) li meta Filomena*

---

[1] Xehed li mill-flus li nghataw fuq l-att ta' separazzjoni, ha s-somma ta' €4,000 sabiex ihallas kontijiet tad-dawl u ilma.

[2] Kull m'hemm fl-atti hi ittra datata 22 ta' April 2014 mibghuta mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali fejn gie ddikjarat li d-Direttur *"jitlob li jirrizerva d-dritt tal-kontro-ezami tal-istess Filomena Agius"*. Kontro-ezami li jirrizulta li qatt ma sar.

*Farrugia rceviet il-flus minghand bintha, qassmithom lil uliedha (inkluz l-appellata) fl-ammont ta' €4,000 lil kull wiehed. L-appellant argumenta li:-*

*i. Kienet l-appellata li liberament ghazlet li tiddisponi mis-somma ta' €23,000.*

*ii. 'Il fatt li omm l-appellata qassmet il-flus bejn uliedha, juri li ommha ma kellhiex bzonn imminenti tal-flus.*

*Il-qorti tosserva:-*

*i. Mill-atti hu evidenti li l-provi li ressqet l-appellata m'humiex kontradetti.*

*ii. 'Il fatt li l-appellata tat il-flus lill-ommha biex thallas dejn, ma jista' jkollu l-ebda konsegwenza fuq il-jedd tal-appellata li tircievi l-ghajnuna socjali. Li hu rilevanti hu jekk kellhiex gid li jeccedi s-somma ta' €14,000. L-Arbitru kien sodisfatt li mill-provi ma kellhiex.*

iii. *M'huwiex rilevanti jekk omm l-appellata kellhiex bzonn imminenti ghas-somma ta' €23,000. 'Il fatt li qassmet il-flus fost uliedha mhi l-ebda prova li l-appellata cahdet lilha nnifisha minn din is-somma sabiex tkun tista' tkompli tgawdi mill-beneficcji socjali, kif jidher li qieghed issa jargumenta l-appellant (ara paragrafu 17 tar-rikors tal-appell)*".

Konsiderazzjonijiet li japplikaw mutatis mutandis ghall-kaz in ezami.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra d-Direttur tas-Sigurta Socjali**.

Anthony Ellul.